# 74. Fil-Festa tad-Dawl

L-aħħar ġranet ta’ Mejju w dħul ta’ Ġunju;
għargħar ta’ dija minn ġox-xemx fi nżulha;
dija fil-baħar, dija fil-kampanja,
dija fis-sema,

dija fid-deheb tas-sbul u l-ħaxix niexef,
dija fit-tub safran mill-ħdura mneżża’;
il-lejla sewwa sew għandu jissejjaħ
tad-dawl il-festa.

Ġo dan id-dawl sabiħ hemm żiffa tfewweġ,
żiffa li xxengel il-ħafur u l-qasab,
il-ġilju u l-bastun ta’ San Ġużepp
u x-xewk imnixxef;

U x-xewk imnixxef mill-qaqoċċ ta’ fommu,
– qaqoċċ jixgħel bid-dawl tax-xemx fi nżulha, –
qed jiżra’ nkiss inkiss, fil-ferħ tal-festa,
ix-xewk ta’ għada.

Għad jgħaddi s-sajf u jerġa’ jinbet aħdar
il-ħaxix kollu, u qalb il-ferħ tal-ħdura
ix-xewk li jinbet jaqsam il-qalb roża
f’nofs il-liblieba,

u x-xoffa tal-peprin u l-għajnejn żoroq
f’wiċċ il-ħobbejża, u jagħmel kollha ġrieħi
saqajn il-bidwi miexi fil-mogħdija
għal ġewwa r-raba’.